

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-006851/2011/rev.1
lill-Kummissjoni
Artikolu 117 tar-Regoli ta' Proċedura
Edward Scicluna (S&D)

Suġġett: Fondi tal-politika ta' koeżjoni għal Malta

Skont il-qafas finanzjarju multiannwali attwali għall-2007-2013, Malta ġiet allokata 855 miljun ewro għall-proġetti taħt l-intestatura Politika ta' Koeżjoni. Matul il-perjodu baġitarju ta' seba' snin dan jammonta għal medja ta' 122.1 miljun ewro kull sena mis-sorsi tal-UE. Madankollu, skont ir-Rapport Finanzjarju tal-Kummissjoni dwar il-baġit tal-2009, li ġie ippubblikat f'Settembru 2010, Malta s'issa rċeviet konċessjonijiet għas-snin 2007-2009 li, bħala medja, huma madwar 50 fil-mija ta' din l-allokazzjoni annwali. Dawn il-figuri wkoll bil-kemm jikkorrispondu għall-pagamenti mħallsa minn Malta bħala membru tal-UE matul dawn it-tliet snin rispettivament. Tista' l-Kummissjoni tispjega r-raġunijiet għal dawn il-ħlasijiet ta' konċessjonijiet baxxi, u jekk dawn jirriżultawx minħabba li l-awtoritajiet Maltin ma ppreparawx proġetti adegwati għall-iffinanzjar mill-UE jew inkella minħabba li ma tlestewx il-proġetti li għalihom kien maħsub l-iffinanzjar mill-UE?

It-termini reveduti tal-ftehma baġitarja għall-2007-2013 żiedu ż-żmien allokati għall-implimentazzjoni ta' proġetti iffinanzjati mill-UE minn sentejn għal tliet snin. Tista' l-Kummissjoni tgħid liema fondi jinsabu f'riskju li ma jintużawx sad-dati miftiehma minħabba li ma ġewx ippreparati proġetti jew minħabba li ma tlestewx fiż-żmien it-tliet snin allokati?

F'każ li Malta ma tirċevix it-855 miljun ewro allokati lilha taħt dan it-titolu tal-baġit allokati mill-qafas finanzjarju multiannwali attwali, il-fondi jġu ttrasferiti bħala bilanċ għaċ-ċiklu finanzjarju l-ġdid jew jintilfu darba għal dejjem?